Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 1626

Kaz Numru 2242 MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Jonathan Galea

U

Preluna Hotel and Spa

Dwar tkeccija mill-impjieg
Allegata li hija ngusta

Illum ~~26~~ 25 ta' Lulju 2005

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors ta' Jonathan Galea mibghuta lit-Tribunal Industrijali datata 4 ta' Jannar 2005 mill-Avukat Dr. Karmenu Mifsud Bonnici li bghat dan ir-rikors ghan-nom ta' Jonathan Galea fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali .

Mr Jonathan Galea maghruf bhala l-appellant kien assistit mill-Avukat Dr. Karmenu Mifsud Bonnici u ghall-Kumpanija Preluna Hotel and Spa deher Mr. Joseph Preca assistit minn Mr. Joseph Farrugia u Dottoressa Roslynn.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant iddikjara li kien jahdem mal-kumpanija Preluna Hotel and Spa bhala barman. Gara illi fil-gurnata tal-27 ta' Novembru 2004 l-esponenti kien dahal ghax-xoghol u tard filghaxija kien taht l-influwenza tax-xorb u talab sabiex jitlaq mix-xoghol u fil-fatt inghata permess biex jitlaq. Ghalhekk minhabba r-ragunijiet

imsemmija fid-dikjarazzjoni din hija tkeccija ingusta u ma saritx ghal ragunijiet skond kif titlob il-Ligi.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li t-terminazzjoni tal-impjeig ta' Jonathan Galea saret minhabba l-fatt li l-istess Jonathan Galea fil-gurnata tal-27 ta' Novembru 2004 instab fis-sakra f'area pubblika u jtella l-istonku meta suppost kien ghadu xoghol u ghalhekk it-tkeccija kienet gusta.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Mr. Martin Fenech li per koincidenza ghandu l-istess isem bhal Chairman tat-Tribunal pero l-istess Chairman jaghmilha cara illi ma hemmx ebda parentala jew konoxxenza tax-xhud fejn iddikjara illi huwa d-duty manager tal-kumpanija u qal li Jonathan Galea ilu barmen mal-kumpanija ghall-dawn l-ahhar disa' (9) snin u qal li rah l-ewwel darba isfel ghall-habta tal-ghaxra ta' filghaxija u bghatu fuq fil-bingo hall peress li xoghlu kien hemm u ma ra xejn hazin sa dak il-hin. Ghall-habta tal-hdax u kwart rega ra lill-Jonathan Galea mixhut fuq is-sufan tal-lounge area jirremetti u l-houseman inaddaf. HU gie skortat fl-ufficcju tieghu sakemm gie f'senseih. Wara dahhalnieh fil-vettura tieghu u raqad hemm.

Xehed ukoll Kevin Micallef li huwa l-Assistant General Manager in charge tal-Human Resources li spjega li dak in-nhar tal-incident hu ma kienx xoghol. Hu dahal fil-kwistjoni t-Tnejn ta' wara. It-Tnejn meta tkellem ma Jonathan Galea, Kevin Micallef iddikjara li Jonathan Micallef ammetta li kien fi stat ta' sokor u li iddispjecieh ghal dak li ghamel. Minhabba li l-Collective Agreement jistiplua li jekk impjegat ikun fi stat ta' sokor dan ifisser instant dismissal u ghalhekk kienu keccewh immedjatament.

Xehed Francis Mallia li huwa l-Assistant Food and Beverage Manager tal-istess kumpanija li iddikjara li kien fuq il-post tax-xoghol ma Jonathan Galea fejn irrakonta l-incident u ra lill-Jonathan Galea fi stat ta' sokor u rah fil-lobby ki ukoll ra l-vomtu hdejn it-toilet

Xehed George Mifsud li huwa Houseman fil-Hotel Prelna u irrakonta l-grajjiet tas-27 ta' Novembru 2004 u qa li ra lill-Jonathan Galea

jirrimetti fuq is-sufan fil-lobby. Ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija.

Xehed ukoll Jonathan Galea fejn iddikjara illi ilu jahdem fil-kumpanija Preluna Hotel ghall-dawn l-ahhar disa' snin u nofs u qal li kellu problemi familjarji. Dahal ix-xoghol normali u ghall-habta ta'-ghaxra klijent offirelu xi inbid u hadu.. Meta nizel biex jippancja biex jnitlaq beda ihoss l-istonku hazin u mar it-toilet itella.. Pogga fuq is-sufan biex jigi f'tieghu pero rega hassu hazin. Wara telaq. Qal li ma kienx hemm ebda ilment minn xi klijent tal-hotel u qal li jiddispjecieh talli ghamel u li qatt ma kellu kazijiet ohra bhal dawn tul ix-xoghol tieghu mal-kumpanija.Talab li jinghata warming pero l-management keccieh mal-ewwel.

Illi l-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici ittratta l-kaz ghan-nom ta' Jonathan Galea waqt lli is-Sur Joseph Farrugia ittratta l-kaz ghan-nom tas-socjeta appellata.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li fil-principju dak li hemm stabblt fil-collective agreement ghandu jigi onorat u ghalhekk Jonathan Galea naqas serjament meta instab fi stat ta' sokor fuq il-post tax-xoghol u li kien f'zona miftuha ghall-pubbliku haga li setghet kella effett aktar hazin. Jonathan Galea mhuwiex tifel u kien jaf x'kien qieghed jaghmel u zgur ix-xorb mhuwiex is-soluzzjoni tal-problema aktar u aktar fuq il-post tax-xoghol.

It-Tribunal jara ukoll illi l-esponenti kien ilu jahdem mal-kumpanija ghall-aktar minn disa snin u nofs u qatt ma kien ta' trouble lill-kumpanija u dan kien incident uniku u ghalhekk il-management forsi messu kien aktar lenjanti ma Jonathan Galea tenut kont tas-snin ta' servizz tal-kondotta tajba u tal-probloemi li kien ghaddej minnhnom. Pero l-management hadet decizzjoni u sta ghal dan it-Tribunal jeddeciedi jekk dik id-decizzjoni kienet gusta jew le.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li s-socjeta Preluna Hotel and Spa kien gustifikat li jkecci lill-Jonathan Galea mix-xoghol tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan l-Appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin Lira Maltin (LM40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr. Martin Fenech
Chairman

Vera kopja

Vincent Micallef
Segretarju